# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

George Frendo

Illum 27 ta' Mejju, 2024

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' George Frendo ID 361665(M) bin Alfred u Carmela nee' Camilleri imwieled fid-29/06/1965 u joqghjod 6 Triq il-Warda Zurrieq akkuzat talli fl-10/11/2016, ghall-habta ta` 16:35hrs gewwa Triq il-Mini ta` Hal Kirkop:

1. Soqt vettura bin-numru tar-registrazzjoni IQZ-286, u b`nuqqas ta` hsieb u bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni jew b`nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma vettura nru IAM-165 w involontarjament ikkagunajt hsara ghad-dannu ta` Lilian (Emanuela) Fiedler.

2. Soqt l-istess vettura b`nuqqas ta` kont.

3. Soqt l-istess vettura b`mod perikoluz.

4. Soqt l-istess vettura bi traskuragni.

5. Soqt jew ppruvajt issuq, jew kellek kontroll ta` vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f`post pubbliku iehor waqt li ma kontx f`kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi.

6. Inqast jew irrifjutajt li taghti skond il-ligi kampjun tan-nifs, tad-demm u/jew ta` l-urina.

7. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenza tas-sewqan.

8. Uzajt vettura bil-mutur fit-toroq minghajr polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni.

9. W`aktar talli sirt recidiv b`sentenza moghtija lilek mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 21 ta` Jannar, 2012 Magt Dr. F. Depasquale LL.D., sentenza ohra datata 13 ta` Jannar, 2012 Mgt. Dr. C. Stafrace Zammit LL.D. kif ukoll sentenza ohra datata 19 ta` Frar, 2013 Magt F. Depasquale LL.D.

Il-Prosekuzzjoni talbet skwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal-perjodu ta` zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat l-artikoli 328 u 28(A) tal-Kap 9, Artikoli 15(1)(a),2,3, 15A (1) 15 E Kap 65 artikoli (1) u (1A) tal- Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Gunju, 2020 annullat is-sentenza appellata u irrinvjat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati sabiex terga tiddeciedi il-kawza mill-gdid.

Rat li fis-seduta tat-18 ta Lulju, 2022 il-partijiet qabblu li l-provi documentarji  diga ezebiti ma ghandhomx jergaw jigu ezibiti .

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti kollha ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**<u>Ex PC 1547</u>** Andrea Camilleri, xehed hekk:

Xhud: Iva nahlef, Mela jien niftakar konnha wasalna fuq il-post fl-10 ta` Novembru 2016 jien kont fil-korp tal-pulizija qed nara r-rapport. Konnha morna mas-surgent u konnha sibna karozza in-naha tal-left magenb il-bankina int u taqbez il-mina taz-Zurrieq ta` Hal Kirkop u kellha hafna hsarat niftakar ukolll li kien hemm is-sinjur ma kienx qieghed fi stat tajjeb ghax kellu riha qawwija ta xorb, niftakar ukoll li li s-surgent ta dak iz-zmein,

Qorti: Qed taraf lil xihadd fl-awla?

Xhud: Is-sinjur.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat.

Pros: Is-sinuur x`kien qed isuq dak in-nhar?

Xhud: Le jien ma rajtux isuq sibtu barra.

Pros: X`sibtu mil-liema vettura?

Xhud: Ma niftakarx mil-liema vettura.

Pros: Ha nurieh l-iskizz jekk jogghbok.

Qorti: Kien go fiha l-karozza jew barra?

Xhud: Barra kien.

Pros: Qed nurik karozza l-iskizz immarkat bhala numru 14?

Xhud: Ezatt.

Qorti: L-iskizz ghamiltu inti?

Xhud: Le is-surgent ta dak iz—zmien.

Qorti: Qed tikkonferma li hekk sibt il-vettura fuq il-post hux hekk?

Xhud: Ezatt.

Pros: Din li kellha hafna hsarat ghal-liema direzzjoni kienet sejra jekk joghgbok?

Xhud: Kienet sejra direzzjoni ta` Hal-Kirkop.

Qorti: Dik 2 way?

Xhud: Le ghandek zewg lines fuq naha wahda u tnejn fuq l-ohra imma li sibna ahna kien fuq id-direzzjoni lejn Hal-Kirkop.

Qorti: Il-karozza sibtha hemm ma tafx minn fejn kien gej?

Xhud: Le hemm sibtha u kellha xebgha hsara fuq is-saqaf.

Pros: U l-karozza l-iehor fejn kellha hsarat?

Xhud: Ma niftakarx ezatt.

Qorti: Igifieri hawn hawn miktub spot of impact mhux inti determinajtu is-surgent?

Xhud: Ezatt, jien kull ma ghamilt kont mort fuq il-post niftakar biss.

Pros: Daqsekk.

Avu: M`ghandix kontro ezami.

**EX PC 496 Ryan Agius,** xehed hekk:

Pros: Ha nurik l-iskizz, x`tiftakar fuqu dak jekk jogghbok?

Xhud: Mela niftakar li kienu cemplulna l-Ghassa z-Zejtun ghax kien hemm accident morna sibna kif hawn impingi hawnekk niftakar lis-sinjur,

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat.

Xhud: Niftakar lis-sinjur deher vizilbiment li xorob ukoll.

Pros: Id-direzzjoni taf fejn kienu sejrin u l-hsarat?

Xhud: Id-direzzjoni kienet, le l-hsarat ma niftakarhomx pero naf li kienet minn naha taz-Zejtun ghan-naha ta` Hal-Kirkop.

Pros: Il-vetturi tiftakarhom?

Xhud: Niftakar li karozza kienet meqluba iva.

Pros: Tas-sinur liem wahda kienet?

Qorti: Ma jistax jghdlek ma kienx hemm u.

Xhud: Le hemm kon themm kont.

Qorti: Fil-mument tal-incident rajtu?

Xhud: Le jien wara mort.

Qorti: U qabel li saqsejtuh id-domandi tajtuh it-twissija ghal-dritt ta avukat u jista ma jixhidx ghax jahseb li ha jinkriminha ruhhu?

Xhud: Mela jien kont qed naghlaq it-triq is-surgent kellmu.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

**PC 916 Samuel Veneziani** xehed permezz ta affidavit dwar l-involviment tieghu f'dan l-incidnet.

**PS 1429E Mangion** xehed permezz ta` affidavit dwar l-imvolviment tieghu f'dawn il-proceduti.

**Lilian Fiedler** xehdet hekk:

Pros: Inti irrapurtjat xi haga l-Pulizija sinjura:

Xhud: Irrapurtjat l-incident meta sehh.

Pros: X`tghidilna fuq lincident sinjura?

Xhud: L-incident gara 7 years ago 2016 10th November ghall-habta tal-4.30 kont hierga mit-Tunnels tal-Airport direction Hal-Kirkop dahhlet karozza minn warajja gibidli l-genb u nqaleb in-naha tad-driver.

Qorti: Inti l-persuna li dahhlet fik qed tarafha hawn gew please?

Xhud: Iva dak George Frendo.

Qorti: Mela ix-xhud idikat lil-imputat.

Pros: X`karozza kont qed issuq sinjura inti?

Xhud: Daihatsu Sirion.

Pros: Tiftakar in-number plate taghha?

Xhud: IAM 165.

Pros: Il-persuna l-ohra tiftakar x`karozza kienet qed issuq?

Xhud: Peugeot, kienet karozza tal-kiri.

Pros: Tiftakar in-number plate taghha?

Xhud: Le bl-amment pero ghandi record tieghu.

Pros: Ha nurik skizz, il-karozza li qee tghid?

Xhud: Din hija l-karozza tieghi IAM 165 u din hija l-karozza il-Peugeot hija l-karozza li dahhlet fija.

Qorti: Meta gew il-pulizija hekk sabukom il-karozzi sinjura?

Xhud: Le filfatt hadt ritrati jiena il-ghaliex gie pulizija tat-traffic il-karozza inqalbet kien hemm pulizija tat-traffic qali lil xi 4 irgiel li waqfu u ghenuh idawwar il-karozza u tafghana mal-genb.

Qorti: Igifieri il-karozzi kienu differenti wara l-incident milli jirrizulta f`dak l-isketch?

Xhud: Iva ghandi ritrati jekk trid.

Qorti: Iva ezebihom.

Xhud: Mela hawnekk qed tidher il-karozza tieghi Daihatsu sewda DOK A u fl-iehor tidher il-karozza meqluba DOK B.

Pros: X`konsegwenza ta dan l-incident x`garalek?

Xhud: Ovvjament kelli spiza fil-karozza sadattant ngew il-pulizija minn xi 3 ghases differenti jekk niftakar tajjeb gew mil-ghassa taz-Zejtun u mil-ghassa ta` Hal-Luqa u minn ghassa ohra bdew jippruvaw jaghmlu breathilizer u ma accettax dak li niftakar u ovvjament saqsejtu jekk kienx

wegga ghax huwa kien meqlub fil-karozza pero hu ma weggax u hareg qisu mhux hu George.

Qorti: Ix-xhud reget indikat lil imputat.

Xhud: U tant kien tajjeb li saqsieni jekk irridux nirrangaw forsi dak il-hin on site qalli noffrilek 500 ewro ghedtlu le ghax l-ispiza tidehr li hija kbira hafna u filfatt kelli ragun.

Avu: Kontro ezami. Bhala spejjez illum il-gurnata thallast mil-insurance?

Xhud: Tlajt arbitragg ghall-ispejjez tieghi u ma hadtx is-somma kollha avilja kienet bis-surveyor u tlaht arbitragg naqsuli qisu 800 mis-somma.

Avu: Pero is-somma relatata ma dan l-incident inti thallast?

Xhud: Thallast ghaliha ftit inqas imma thallast.

Avu: Daqsekk.

**Ikkunsidrat**

Rigwardanti l-ewwel(1) , tieni (2), tielet(3) u raba’ (4) akkuza dawn ma irrizultawx stante li, ukoll mill-verzjoni ta Lilian Fiedler, d-

dinamika tal-incident mhux car u zgur li ma intlahaqx il-livell ta' provi rikjest fil-kamp kriminali.

Rigwardanti il-hames (5) u sitt (6)akkuzi stante li l-imputat ma inghatghax it-twissija tad-dritt ta' avukat jew dritt li ma jitkellimx stante li jista' jikrimina ruhu dawn ma jirrizultawx.

Rigwardanti s-seba' akkuza din tirrizulta minn Dok C document ta Transport Malta u x-xhieda ta Lilian Fiedler.

Rigwardanti it-tmin(8) akkuza tirrizulta stante li ma ingabitx prova ai termini tal-artikoli 3(1) u (1A) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rigwardanti d-disa' (9) akkuza ma gietx ippruvata fil-livell rikjest fi l-kamp kriminali.

**Decide**

Rat l-artikoli 328 u 28(A) tal-Kap 9, Artikoli 15(1)(a),2,3 , 15A (1) 15 E Kap 65 artikoli (1) u (1A) tal- Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal dawn il-motivi kollha ma issibx lil George Frendo hati tal-ewwel, tieni,tielet, raba', hames, sitt, u disa' akkuza u tilliberah minn kull htija u piena dwar l-istess imma issibhu hati tas-seba' akkuza u tkkundannah ghal elf u mitejn euro ( 1,200) u sena (1) skwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan u issibu hati tat-tmin akkuza u tikkundannah ghal multa ta erba' telef sitt mija u tmienja u hamsin euro u hamsa u seghin centezmu (4658. 75).

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**